**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 8/16 - IL-ĠIMGĦA 5 TA' LULJU 2019**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-17:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Dott. Christopher Deguara | Viċi Sindku |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Maryanne Cuomo | Kunsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Ivan Gaffiero | Kunsillier |
| | Stephen Abela | Kunsillier |
| Skużat b'apoloġija: | Mark Anthony Sammut | Kunsillier |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segratarju Eżekuttiv |

Il-laqgħa kienet imxandra diretta fuq il-website u l-paġna ta' Facebook tal-Kunsill.

**1. INTRODUZZJONI**

1.1. Il-laqgħa bdiet titmexxa minn Anne Marie Muscat Fenech Adami bħala l-Kunsilliera l-aktar anzjana skont id-definizzjoni tal-liġi.

1.2. Hija tat merħba lill-Kunsillieri u l-pubbliku preżenti.

**2. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

2.1. Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-Kunsillier MA Deguara infurmah bil-kitba li ma setax jattendi għal-laqgħa. Huwa tah ir-raġuni u l-Kunsill qies li r-raġuni hija ġustifikata.

**3. ĦATRA TA' SINDKU U VIĊI SINDKU**

3.1. Is-SE informa li skont il-liġi tal-Kunsilli Lokali, il-persuna li l-aktar li ġabet voti mill-partit li kiseb l-aktar siġġijiet, kellu d-dritt li jieħu l-kariga ta' Sindku. Huwa għalhekk talab lis-Sinj. Muscat Fenech Adami biex tikkonferma jekk taċċettax il-kariga ta' Sindku. Hija aċċettat u ffirmat l-ittra tal-aċċettazzjoni.

3.2. Saret l-istess proċedura fil-konfront tal-kariga ta' Viċi Sindku u għalhekk is-Sinj. Muscat Fenech Adami staqsiet lil Dott. Christopher Deguara jekk jaċċettax il-kariga ta' Viċi Sindku. Huwa aċċetta u ffirma l-ittra tal-aċċettazzjoni.

## 4. GĦOTI TAL-ĠURAMENTI TAL-KARIGI TA' SINDKU U VIĊI SINDKU

4.1. F'dan il-ħin Anne Marie Muscat Fenech Adami u Dott. Christopher Deguara ħadu l-ġurament tal-kariga ta' Sindku u Viċi Sindku rispettivament fil-preżenza tal-Kummissarju tal-Ġustizzja Dott. Ian Micallef.

## 5. DISKORS MIS-SINDKU

5.1. Is-Sindku imbagħad għamlet id-diskors tagħha fejn bdiet billi rringrazzjat lin-Naxxarin kollha talli fdaw lill-membri eletti bir-responsabbiltà tat-tmexxija tal-lokalità. Hija għamlet aċċenn li din il-fiduċja tfisser aktar responsabbiltà fuq kull membru tal-Kunsill.

5.2. Enfasizzat fil-ħtieġa li l-Kunsillier kollha jkunu impenjati bl-aktar mod sħieħ ħalli finalment iħallu Naxxar aħjar milli sabuħ.

5.3. Tkellmet u appellat għall-għaqda u biex ħadd ma jħares lejn kuluri.

5.4. Insistiet li filwaqt li l-Kunsill irid ikun viċin ħafna tar-residenti u jismagħhom dejjem, il-Kunsillieri huma l-mexxejja tal-lokalità u għalhekk għandhom jaġixxu bħala tali.

## 6. TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

6.1. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir il-Ġimgħa 19 ta' Lulju fil-5.30pm.

6.2. Il-Laqgħa ntemmet fis-6.15pm.

| | |
|---|---|
| **ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY),** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |